# Salib it-Toroq

minn

GEORGE ZAMMIT

Tbissimtli bħal berqa fid-dalma
Ridt nilħqek, u kien bħal li kieku
Ridt inħaddan is-sema.
Kull fejn kien hemm il-leħħa tiegħek
Dawlek
Nixxifli
'l għajnejja;
U fejn il-leħħa ntfiet
Jew għabet malli deherli li ħaddantha.
Jew nemnmet

— Melodija li ssaħħar u tfernez
Il-moħħ, mingħajr ma qatt taqsam ix-xefaq
Lejn baħar it-tifkira —
Ma ħallietx ħlief il-baħħ imtertaq, għeri
Għall-vleġeġ
Iwerżqu daħkanin daħk ta' stmerrija,
u lili, baħħ mal-baħħ, ħallietni nilheġ
Bħal ruħ bla sabar.

Għaddejt bħal leħħa f'sema ċomb
U jien stennejtek
U għadni nistenniek f'salib it-toroq.
U nibqa' nistenniek
Għad li jien naf li meta nħaddnek miegħi
Dik it-tħaddina tħożż is-sing li jofroq
Il-magħruf mill-moħġaġ, fejn hemm moħbija
It-tweġiba tal-aħħar mistoqsija.

Salib it-toroq għal salib it-toroq,
U hekk, minn jum għal jum, minn siegħa għal siegħa,
Sa ma ġġorrni mal-leħħa ta' sbuħitek
Fejn triq il-jiem
Taħbat mat-triq li tterraq mingħajr tmiem.

8-XII-73